



*Il-Knisja ta' San Girgor - Żejtun*

# Il-Parroċċa taż-Żejtun Matriċi

***Kitba tal-Kanonku Dun Joe Abela***



*L-Isqof Baldassare Cagliares*

Nhar l-10 ta' Jannar 1616, il-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun saret Matriċi għall-ewwel darba, meta l-Isqof Bladassare Cagliares waqqaf il-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar li hu fired miż-Żejtun.

mill-kelma Latina 'mater', li tfisser omm. Allura, il-parroċċa taż-Żejtun, dakinhar, saret omm dik ta' Ħaż-Żabbar. Santa Katarina taż-Żejtun saret matriċi drabi oħra wara meta, 10 snin wara Ħal Għaxaq inqata' miż-Żejtun u meta fl-aħħar tas-seklu 18 Marsaxlokk ukoll inqata' miż-Żejtun. Inżidu ngħidu li ż-Żejtun saret 'Arċimatriċi' meta Wied il-Għajn inqata' minn Ħaż-Żabbar f' nofs is-seklu li għadda.

**Iż-Żejtun fl-1616:**

Fis-sena 1616, il-parroċċa taż-Żejtun kienet bil-wisq differenti milli hi llum. Nibdew billi ngħidu li l-limiti tagħha kienu ħafna aktar mifruxa milli huma fiż-żminijiet tagħna, għaliex iż-Żejtun kien iħaddan, tista' tgħid, ix-Xlokk kollu ta' Malta, biex ma ngħidux ukoll parti mil-Lvant ta' gżiritna. It-territorju tiegħu kien jinkludi l-port importanti ta' M'Xlokk, barra id-daħliet ta' Wied il-Għajn u San Tumas. Nies, minkejja din l-firxa kollha kien hawn ħafna anqas minn 12,000 abitant li llum joqogħdu u safrattant inħasset il-ħtieġa li jinqasam!

*Fis-sena 1616, il-parroċċa taż-Żejtun kienet bil-wisq differenti milli hi llum.*

Żgur li ma kinux joqogħdu f'dawn it-territorji kollha aktar minn 3,000 ruħ. Knejjes biex jaqdu l-ħtieġa ta' dawk l-Insara kien hawn kemm trid, s'intendi l-aktar waħda mportanti fosthom kienet dik li nsejħulha ta' San Girgor li allura kienet il-knisja parrokkjali.

Kien hemm kappelli oħra f'Ħaż-Żabbar tal-lum, f'Ħal Għaxaq u oħrajn. Iżda l-aktar importanti wara dik ta' San Girgor (iddedikata lil Santa Katarina) kienu tnejn f' Ħaż-Żabbar - San Ġakbu u l-Madonna tal-Grazzja u oħra f' Ħal Għaxaq dik ta' Santa Marija. Saċerdoti kienu madwar tużżana, b' xi uħud jaqdu l-missjoni tagħhom f' Ħaż- Żabbar, l-aktar f' San Gakbu fejn kien hemm żgur saċerdot tal-post, u f'Ħal Għaxaq fejn kien jitla' sikwiet qassis minn San Girgor. Iż-Żwieten l-oħra kienu jaħdmu fir-raba', is-sibi (piraterija), is-sajd u l-bini.

**Il-knisja parrokkjali:**

Il-knisja parrokkjali preżenti kienet għadha ma nbnietx - kien għad iridu jgħaddu madwar 80 sena biex titqiegħed l-ewwel ġebla tagħha, iżda l-knisja ta' San Girgor kienet diġa' kważi kif nafuha llum! Il-kursija tagħha kienet ilha teżisti sewwa, iżda l-kappelluni tax-xellug u tal-lemin kienu nbnew biss ftit snin qabel - bejn l-1595 u l-1605. Kien fiha aktar minn altar wieħed, anzi aktar mit-tlieta li naraw illum.



*Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, dedikata lil Madonna tal-Grazzja.*

li niżlu fid-daħliet viċin ta' San Tumas u Wied il-Għajn. Iż-Żwieten kellhom kappelli oħra viċin fejn kienu joqogħdu: Santa Marija, ir-Raħal ta' Fuq u Santa Marija oħra fir-Raħal t'Isfel, imsejjaħ Bisqallin jew Pasqualino. Kienet din il-kappella tar-Raħal t'Isfel, il-kawża li nħoloq xi diżgwid dwar hux veru li Ħaż-Żabbar inqata' miż-Żejtun, teorija żbaljata għaliex din il-knisja ma kinitx parrokkjali.

**Ħaż-Żabbar fis-sena 1616:**

meta Ħaż-Żabbar sar parroċċa ndipendenti miż-Żejtun kien raħal bil-wisq iċken u differenti minn Ħaż-Żabbar tal-lum. Nibdew billi ngħidu li kien jikkonsisti f'żewġ lokalitajiet mifrudin, sa ċertu punt, minn xulxin; il-Biċċieni u l-Misraħ.

Naturalment kienet teżisti trejqa li kienet tgħaqqad dawn iż-żewġ żoni żgħar ma' xulxin. Allura, it-triq sabiħa li llum tissejjaħ, Triq is-Santwarju ma kinitx teżisti. Dik it-trejqa kienet tgħaqqad żewġ kappelli żgħar; San Ġakbu fil-Misraħ u l-Madonna tal-Grazzja mhux 'l bogħod mill-Biċċieni. Għalkemm iż-Żabbarin kellhom devozzjoni kbira lejn il-kappella tal-Grazzja, il-viċi parroċċa taż-Żejtun kienet dik ta' San Ġakbu, fejn qassis tal-post, ċertu Dun Melchior Lia kien ħabrieki ħafna, tant li kien ikkunsidrat bħala Viċi-Kappillan taż-Żejtun.

B' kollox kienu jeżistu kappelli oħra bħal Tal Indenizz fil-bidu tat-trejqa li kienet tagħti minn naħa tal-knisja parrokkjali tal-lum għal Wied il-Għajn u l-kappella ta' Santa Duminka fuq ix-xaqliba l-oħra. B' kollox ma kinux joqogħdu aktar minn 600 ruħ f'dawn iż-żewġ żoni. In-nies tal-Biċċieni kienu aktar viċin tal-Kottonera u dawk tal-Misraħ kienu aktar ixaqilbu lejn iż-Żejtun, tant li d-dixxendenti tagħhom iħossuhom nofshom Żwieten. Jiena stess imnissel minn raġel mill-Misraħ li kien ha grazzja ma' waħda Żejtunija mir-Raħal t'Isfel!

*Fil-bidu tas-seklu 17, żmien meta Ħaż-Żabbar sar parroċċa ndipendenti miż-Żejtun kien raħal bil-wisq iċken u differenti minn Ħaż-Żabbar tal-lum.*

Iżda minħabba l-bogħod li kellhom għall-knisja parrokkjali (San Girgor) fiż-Żejtun, iż-Żabbarin ħassew il-ħtieġa li jsiru parroċċa indipendenti. Numru sewwa minn naħa tal-Misraħ kienu sajjieda, tant li fil-bidu tat-triq li tagħti mill-Misraħ għal Wied il-Għajn, kien hemm lokalita' bl-isem 'Ħas-Sajd'.

**Talba taż-Żabbarin:**
Kien ċertu Antonio Schembri, Żabbari, li f'isem ir-residenti ta' Ħaż-Żabbar, ressaq talba lill-Isqof Baldassare Cagliares biex Ħaż-Żabbar jinqata' miż-Żejtun. Biex isostni t-talba tiegħu, hu tella' numru ta' xhieda li stqarrew li xi wħud minn qrabathom mietu mingħajr sagramenti minħabba d-distanza bejn Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun. Meta fil-Milied tas-sena 1615, l-Isqof Cagliares laqa' t-talba bil-miktub taż-Żabbarin, Dun Mattew Burlo', kappillan taż-Żejtun kien ġentlom biżżejjed li għaraf ir-raġuni taż-Żabbarin u minkejja li din il-firda kienet se tnaqqaslu d-dħul finanzjarju hu m' għamel l-ebda oppożizzjoni għat-talba tagħhom. Ma ninsewx li f' dawk iż-żminijiet foqra, il-kappillan kien jgħix biss mill-għotjiet tal-parruċċani tiegħu.

U hekk Ħaż-Żabbar sar parroċċa għal kollox indipendenti miż-Żejtun jew minn Bisqallin kif dak iż-żmien iż-Żejtun ġieli kien jissejjaħ. Iżda għalkemm iċ-ċentru tal-ħidma pastorali f' Ħaż-Żabbar kienet il-kappella ta' San Ġakbu bil-ħidma ta' Dun Melchior Lia, kienet il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja li ntgħażlet bħala l-knisja parrokkjali minħabba d-devozzjoni kbira li kienet tgawdi. L-ewwel kappillan li ntgħażel ma kienx il-ħabrieki Dun Melchior Lia iżda Dun Angelo Pontremoli. Il-kappella tal-Grazzja kienet nbniet mill-ġdid madwar 30 sena qabel. L-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali li nbniet fuq pjanta ta' Tumas Dingli fl-1641 tqgħedet nhar l-1 ta' Mejju.

Dawn kienu l-ġrajjiet storiċi u mportanti li ġew imfakkra din is-sena kemm fiż-Żejtun kif ukoll f'Ħaż-Żabbar. ■

*Dawn kienu l-ġrajjiet storiċi u mportanti li ġew imfakkra din is-sena kemm fiż-Żejtun kif ukoll f'Ħaż-Żabbar.*



MUSIC LINK
**Importers • Wholesalers • Distributors**

Timpani, Drum kits, Percussion, Sticks, Cymbals, Drum Heads, Acoustic, Classical & Electric Guitars, Bass Guitars, Violins, Violas, Cellos, Strings, Euphoniums, Alto Horns, Trumpets, Saxophones, Clarinets, Flutes, Reeds, Amplifiers, Pro. Sound Systems, Mixers, Digital Pianos, Music Books, Cables & Acc., and much more...

**We also hire professional sound systems & musical instruments**

**• Sales • Service • Repairs •**

262, Triq Fleur-De-Lys, B'Kara BKR 9069
(E) info@nvgent.com (T) 2148 2796 • 2748 2796 (M) 9947 3075
www.nvgent.com Music Link - Malta